MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 48/2021 LM

**Cristian David Pascual (detentur tal-Passaport tar-Repubblika tal-Filippini numru PO663258B)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijati**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

__Preliminari__

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Cristian David Pascual (detentur tal-Passaport tar-Repubblika tal-Filippini numru PO663258B)**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni (minn issa 'l quddiem 'il-Bord') tas-26 ta' April, 2021, li ġiet ikkomunikata lill-appellant fis-7 ta' Mejju, 2021, (minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'), li

permezz tagħha l-Bord iddeċieda li jiddikjara null l-appell tal-appellant mid-deċiżjoni tal-5 ta' Settembru, 2020 tal-intimat **Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijati**, hawnhekk 'l-appellat'.

## Fatti

2. Fis-7 ta' Mejju, 2020, l-appellant kien applika għal Single Permit *ai termini* tal-L.S. 217.17 sabiex jaħdem ma' OZO Malta Limited (C 9023). Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda permezz ta' deċiżjoni amministrattiva datata 5 ta' Settembru, 2020, l-Aġenzija Identity Malta, li teżerċita l-poteri tad-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni, fejn iddeċidiet li l-applikazzjoni tal-appellant għandha tiġi miċħuda għaliex *"your application failed the Labour Market Testing carried out by Jobplus. Consequently, your application is not eligible to be considered for the granting of a work/residence permit".*

## Mertu

3. L-appellant ħass ruħu aggravat bl-imsemmija deċiżjoni tal-appellat, u istitwixxa proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fit-23 ta' Settembru, 2020. Il-Bord irreġistra l-appell tal-appellant fis-7 ta' Ottubru, 2020 Il-Bord iddeċieda l-appell tal-appellant abbażi biss tal-fatt li skont l-istess Bord l-appell kien ġie sottomess wara t-terminu kif mogħti mil-liġi.

## L-Appell

4. L-appellant jikkontendi illi l-Bord meta għadda biex iddikjara l-appell tal-appellant bħala null u ddeċieda li m'għandux jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu għaliex allegatament ġie ppreżentat *fuori termine*, il-Bord kien indott minn żball amministrattiv serju attribwibbli lill-Bord innifsu u/jew uffiċjali addetti lilu u b'hekk ċaħħad lill-appellant minn smigħ xieraq skont il-liġi. Id-deċiżjoni tal-appellat tal-5 ta' Settembru, 2020 kienet ġiet notifikata lill-prinċipal prospettiv tal-appellant, OZO Malta Limited, fit-22 ta' Settembru, 2020. L-appellant avviċina lill-avukat Dr Andrew Grima sabiex jintavola appell opportun quddiem il-Bord fiż-żmien mogħti mil-liġi, liema appell sar l-għada 23 ta' Settembru 2020 permezz ta' email, skont il-proċedura viġenti dak iż-żmien minħabba l-pandemija tal-COVID. Jidher li għal xi raġuni mhux magħrufa lill-appellant, l-uffiċjali tal-Bord naqsu milli jirreġistraw l-appell malli dan daħal jew fil-jum tax-xogħol ta' wara, imma ġie reġistrat fis-7 ta' Ottubru, 2020. L-appellant jgħid illi l-appell tiegħu ma ġiex reġistrat fi żmien utili minħabba nuqqasijiet amministrattivi attribwibbli lill-Bord innifsu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

5. Min-naħa tiegħu l-appellat ma jikkontestax dan, anzi għall-finijiet ta' jekk l-appell ġiex ippreżentat *fuori termine*, jgħid illi l-Bord kellu jikkunsidra meta ġie intavolat l-appell u mhux meta ġie reġistrat mis-segretarjat tal-Bord. Jgħid ukoll illi jkun ta' siewi illi din il-Qorti tibgħat lura l-atti quddiem il-Bord sabiex il-Bord jisma' l-appell imressaq fil-mertu u l-partijiet jingħataw terminu ġdid sabiex iressqu kwalunkwe prova li jqisu bħala neċessarja in sostenn tal-pożizzjoni tagħhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

6. Ladarba mhuwiex kontestat li l-appell tal-appellant quddiem il-Bord ġie ppreżentat fit-terminu mogħti mil-liġi, għal din ir-raġuni, id-deċiżjoni tal-Bord tas-26 ta' April, 2021 fejn l-appell tal-appellant quddiem il-Bord ġie dikjarat null għax kien *fuori termine*, għandha tiġi mħassra u l-atti jintbagħtu lura lill-Bord sabiex dan jisma' fil-mertu l-appell imressaq mill-appellant quddiem il-Bord.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tilqgħu, u filwaqt li tħassar kompletament id-deċiżjoni appellata, tibgħat lura l-atti quddiem il-Bord sabiex dan jisma' fil-mertu l-appell imressaq mill-appellant quddiem il-Bord, u l-partijiet jingħataw terminu ġdid sabiex iressqu kwalunkwe prova li jqisu li hija neċessarja in sostenn tal-pożizzjoni rispettiva tagħhom.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**